**ĦAL TARXIEN**

**KUNSILL LOKALI TARXIEN**

**Minuti Laqgħa Nru. 25/06**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il- laqgħa Nru 25/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar il-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010 fis-5.50pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** | Data u hin |

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur I. Dalli** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur M. L. Mallia** | **Segr. Eżekuttiv** |

*** **Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 24/06 (18/11/2010)*

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 24/06 tat-18/11/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 *Komunikazzjoni mis-Sindku*

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-apparat fi Ġnien Ovindoli issa twaħħal u r-*remote control* ingħatat lir-resident li ffirma għaliha. Ġnien Ovindoli

**2.2** Dwar il-problema tal-iskart, is-Sindku qal li solvejna ħafna mill-problemi imma din l-aħħar ġimgħa kellna rapporti li qed jintefa' skart domestiku fi Ġnien Joanne. Skart

**2.3** Is-Sindku qal li ffirmajna l-kuntratt ma' GREENPAK għal sena oħra dwar il-Bring-in Sites. GreenPak

**2.4** Iż-żewġ impjegati tal-Kunsill li talbu għal '*reduced hours*' ingħataw l-ittra relattiva skont kif ġie deċiż mill-Kunsill fuq bażi ta' prova għal sitt xhur li jibdew mill-1 ta' Jannar 2011. Reduced Hours

**2.5** Dwar il-Malta international Folk Festival, is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni ġiet milqugħa u dan il-Kunsill ser jingħata €1000. Finanzjament għal Attivitajiet Kulturali

2.5.1 Kompla jgħid li għalkemm l-applikazzjoni bħala konsorzju tammonta għal €12000, komplessivament bejn 3 Kunsilli ser ningħataw €3000. Dan l-ammont ma jkoprix l-ispejjeż kollha proposti.

2.5.2 Qal ukoll li bi ftehim maż-żewġ Kunsilli l-oħra ser noħorġu €1000 kull Kunsill biex ikopru l-ispejjeż kollha involuti għalkemm il-programm mhux ser ikun dak previst. Dawn mhux ser ikopru għal mementos, riċeviment żgħir għall-parteċipanti u neċessitajiet oħra biex dan l-avveniment ikun suċċess.

2.5.3 L-attivita' f'Ħal Tarxien ser issir fit-30 ta' Diċembru u l-konferenza stampa ser titħabbar iżjed 'l quddiem.

2.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament mal-arranġamenti kollha msemmija.

**2.6** Dwar l-għeluq tal-kuntratt tas-Seg. Eżek., is-Sindku qal li għad ma rċevejna ebda tweġiba mid-DGL għall-ittra li kiteb is-Seg. Eżek. Tmiem il-Kuntratt tas-Seg. Eżek.

2.6.1 Is-Seg. Eżek. qal li f'każ lil-Kunsill għandu l-interess fis-servizz tal-istess Seg. Eżek., jipproponi li ssir talba lid-DGL mill-Kunsill biex l-estensjoni tal-kuntratt tiżdied iżjed minn April sabiex il-Kunsill ikun iżjed flessibbli li jagħżel persuna ġdida.

2.6.2 Is-Sindku qal li ser jitlob lid-DGL jibgħat Aġent Seg. Eżek. fin-nuqqas tas-Seg. Eżek. preżenti. Hu qed jipproponi lis-Sinj. Marisa Pisani, Seg. Eżek. ta' Tax-Xbiex.

Sar qbil nem-con dwar il-proposta tas-Sindku.

**2.7** Dwar il-proġett ta' Triq Birbixkilla, is-Sindku qal li l-permess ħareġ imma għadu ma ħarigx il-permess għal *Pedestrian Zone* mit-TM. Triq Birbixkilla

**2.8** Is-Sindku qal li t-tielet lanterna issa twaħħlet fi Sqaq Brittaniku. Jinħtieġ li jsiru xi ventilazzjonijiet għax-xelter. Sqaq Brittaniku

**2.9** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ffirmajna l-ftehim mal-MEPA għall-UIF għall-proġett ta' Sqaq Brittaniku li jammontaw għal €56,832.35. UIF – Sqaq Brittaniku

2.9.1 Ser nitolbu lill-Perit D. Falzon biex jiċċertifka li saru x-xogħlijiet neċessarji biex il-MEPA tħallas skont il-kuntratt.

2.9.2 Is-Sindku qal li għalkemm bgħatna darbtejn lit-TM biex jendorsjaw l-applikazzjoni taħgna għall bankina li tagħmel parti mill-proġett ta' Sqaq Brittaniku, TM għadhom ma weġbux. Sadanittant MEPA tawna *deadline* biex inwieġbu. Bankina Sqaq Brittaniku

2.9.3 Is-Sindku ddikjara li fin-nuqqas tat-tweġiba ta' TM, ix-xogħol ser jibdih fit-3 ta' Jannar li ġej.

**2.10** Dwar l-applikazzjoni tagħna għal fondi għal tisbiħ ta' xelter, is-Sindku qal li għad ma rċevejna ebda risposta mill-MEUSAC. Fakkar li l-għeluq tal-applikazzjonijiet kien fl-aħħar ta' Novembru. Fondi għal tisbih ta' Shelter

**2.11** Is-Sindku qal li s-Sur Martin Stivala, uffiċjal mill-IPSL talabna biex nidentifikaw xi xogħlijiet li ħaddiema ta' IPSL (mhux dawk li huma assenjati diġa' mal-Kunsill) jagħmlu xi xogħlijiet fil-lokalita'. Dan ser ikun xogħol mingħajr ħlas mill-Kunsill Lokali. IPSL

2.11.1 Kompla jgħid li identifikajna dawn ix-xogħlijiet : tindif tax-xelter; xogħol ta' bankini, irrangar ta' ċint fit-triq tal-Barrani u xi *patching* fit-toroq.

Il-Kunsill approva nem-con din l-inizjattiva.

*(Is-Sinj. C. Lanzon attendiet għal-laqgħa fis-6.10pm)*

**2.12** Dwar il-ħsara fit-*turf* tal-Ground, is-Sindku qal li tkellem mas-Sur D. Mizzi, il-Kuntrattur li pprovda u poġġa t-*turf* li nfurmah li ż-żewġ entitajiet l-oħra li għandhom l-istess każ qalgħu t-*turf* mill-grounds tagħhom u d-depożitawh fil-Qorti. Poġġew *turf* ġdid u ser jitħallsu wara. *Turf* tal-Ground

2.12.1 Is-Sindku qal li talab lis-Sur Mizzi biex jibgħat jinforma lill-Kunsill bil-miktub.

2.12.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xibka tal-Ground tqattgħet kollha wara l-lasti. Meta tlabna stima biex tinbidel kollha, din kienet waħda għalja ħafna. Ġie deċiż li nibdlu fejn hemm l-iżjed ħsara, wara l-lasti. Xibka

**2.13** Is-Sindku qal li s-sejħa għall-offerti għal *resurfacing* tat-toroq (PPP) ġiet ippubblikata u l-għeluq taż-żmien hu fit-31 ta' Jannar 2011. PPP Tender

**2.14** Dwar xogħlijiet fuq toroq ġodda, is-Sur L. Bonavia informa lill-Kunsill li ra avviż li ser issir Triq Alfier De Medran, il-parti fejn għadha mhix asfaltata. Toroq Ġodda

**2.15** Dwar iż-żebgħa li nżebgħet fuq il-pavimentar ta' Ġnien Ovindoli mill-WSC, is-Sindku qal li ntbgħatu xi ħaddiem biex joborxu ż-żebgħa. WSC – Ġnien Ovindoli

2.15.1 Kompla jgħid li l-WSC baqgħu jinsistu li dik il-bokka tinfetaħ. Għaldaqstant ftaħniha bil-ħaddiema tagħna fejn instab li għaddej *pipe* biss kif għidnilhom aħna.

2.15.2 Minflok it-tappiera li riedu jpoġġu l-WSC, poġġejna *frame* galvanizzat li ser ikun miksi bil-ġebel tal-pavimentar.

2.15.3 Il-Kunsill qabel nem-con li nibgħatu l-kont tal-ispejjeż u x-xogħol involut lill-WSC.

**2.16** Il-korsijiet tal-kompjuter għall-adulti ser jinbeda fi Frar 2011. L-applikazjonijiet, li ser jitqassmu bieb bieb mit-TCTC, jintlaqgħu sal-Ġimgħa 21 ta' Jannar 2011. Kompjuter

2.16.1 Dwar il-korsijiet ECDL, it-TCTC qed jipproponu, wara l-proposta tagħna, li jlaqqgħu grupp ta' 12-il student għall-prezz ta' €1100 għas-seba' *modules*.

2.16.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ma qabilx magħha, minħabba li n-numru tal-istudenti hu baxx. Il-Kunsill jibqa' jinsisti fuq l-ewwel proposta oriġinali tiegħu jiġifieri għal 20 student.

**2.17** Dwar il-pavimentar ta' Sqaq Nru 1 Santa Marija, is-Sindku qal li applikajna lill-Lands kif mitlub. Il-Perit Chris Mintoff ser jipprepara l-*Preliminary Budget.* Sqaq 1 Sta Marija

**2.18** Fuq talba tas-Sindku, is-Seg. Eżek. spjega x'inhi r-raġuni għaliex it-tender ta' "Embellishment of Lanes & Open Spaces' ma tistax tintuża għal xogħol ta' kostruzzjoni u manutenzjoni ta' bankini. Spjega dwar Tender

2.18.1 Is-Seg. Eżek. qal li r-risposta tiegħu lill- M-Quip, li talab biex jiltaqa' mas-Sindku u s-Seg. Eżek dwar it-tender illi ġabar mill-Kunsill għall-xogħlijiet fuq bankini u li din it-tender hi f'kunflitt mat-tender li qed tintuża minnu għal Tisbiħ ta' Sqaqien, ġiet ukoll kkupjata lill-kunsillieri kollha.

2.18.2 Is-Seg. Eżek. Irrefera, filwaqt li ppreżenta, kemm għat-tender eżistenti għal Tisbih ta' Sqaqien, kif ukoll għat-tender il-ġdida għal xogħlijiet fuq bankini. Hu pparaguna l-BOQ's taż-żewġ tenders li huma differenti minn xulxin ħlief għal xi items li jistgħu jintużaw fiż-żewġ xogħlijiet. Paragun tal-BOQ's

2.18.3 Is-Seg. Eżek. kompla jgħid li anke l-isem tat-tender jindika ċar li t-tenders huma differenti u maħruġa speċifikament għal dak il-proġett partikulari.

2.18.4 Barra minhekk , is-Seg. Eżek. qal li t-tender tal-bankina hija meħuda mill-"Specific Conditions of Contract and Specifications" maħruġa mid- DGL.

2.18.5 Il-Kunsill aċċetta l-ispjegazzjoni tas-Seg. Eżek. Il-Kumitat *ad hoc* għal ftuħ tal-offerta li ser isir nhar l-Erbgħa 29/12/10 f'nofsinhar ser ikun magħmul mis-Sindku, Seg. Eżek, u l-Kunsillier K. Darmanin.

**2.19** Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-inizjattiva ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma minn VODAFONE mhix waħda minn dawk magħżula biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-inizjattiva. Vodafone

**2.20** Is-Sindku qal li sar it-*tournament* tal-football flimkien mas-Supporters Club għal ġbir ta' fondi għall-Community Chest Fund. Tournament

**2.21** Wara diskussjoni, il-kunsill qabel nem-con li s-Seg. Eżek. jiffirma c-Charter għal Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 fuq talba urġenti mid-DGL. Charter

2.21.1 Il-Kunsill ikkummenta wkoll dwar l-għaġla li d-DGL talab biex jiġi ffirmat dan id-dokument mingħajr ma ngħata żmien biżżejjed biex jiġi evalwat mill-Kunsill.

**2.22** Is-Sindku qal li kellu sstedina minn Veliko Turnovo biex imur jippreżenta rapport dwar Ħal Tarxien għall-proġett "Cultural And Tourist Development of European Perspective for the Renewal of the Old Stronghold – Fortress" li kien diġa inbeda xhur ilu. Madankolu din iż-żjara ġiet imħassra. Veliko Turnovo

2.22.1 Qal li ħa ħafna żmien biex jipprepara din il-preżentazzjoni. Wara infurmawh li kellha tiġi delegazzjoni mill-Bulgarija f'Ħal Tarxien. S'issa għad m'għandu ebda deċiżjoni dwar x'ser jiġri.

**2.23** Mingħand l-OPM, stedini għal Konferenza Ġemellaġġi 2011 li ser issir f'April 2011, li ġiet ikkupjata lill-Kunsillieri kollha. Konferenza Ġemellaġġi 2011

**2.24** Is-Sindku qal li ser jilqa' f'isem il-Kunsill Lokali xi kotba għal-librerija imqassma mill-AKL. Kotba mill-AKL

**2.25** Is-Sindku qal li wara laqgħa ma' Uffiċjali mill-HSBC għamilna talba għal donazjzoni ta' kotba u għamara għal-librerija, fuq talba tagħhom stess. Din it-talba tammonta għal €1500. Donazzjoni mill-HSBC

**2.26** Ringrazzjament mingħand is-Sur Cleavon Vella (Principal DGL) għas-sogħba u s-solidarjeta' li dan il-Kunsill wera mal-familja tiegħu għat-telfa tal-għażiża ommu. Ringrazzjament

**2.27** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret talba mill-Assist. Head tal-iskola Sekondarja Paola, biex wieħed mill-istudenti tagħhom jagħmel xogħol komunitarju mal-Kunsill. Ir-responsabbilta' ta' dan l-istudent hi totalment f'idejn żewġ membri tal-iskola. Il-Kunsill mhu ser ikollu x'jaqsam xejn ħlief li jipprovdi l-materjal u l-post għax-xogħol. Xogħol fil-Komunita'

2.27.1 Il-Kunsill qabel nem-con biex jingħata xogħol ħafif bħal żebgħa ta' bankijiet u għamara tat-toroq u ġonna. L-iskop hu biex dan l-istudent japprezza x-xogħol u ma jagħmilx ħsara lill-proprjeta' pubblika u jagħti eżempju lil sħabu.

**2.28** Is-Sindku qara 3 ittri mibgħuta minn TM b'risposta għat-talbiet tal-Kunsill minn Ġunju li għadda. Dawn huma dwar sistema ta' one-way fi Triq Dun Mikiel Vella; sinjali ta' parkeġġ għall-vetturi żgħar fis-*service road* fi Triq San Anard; żebgħa ta' *single yellow line* fi Triq Santa Marija. TM

2.28.1 Kien hemm ittra oħra għal tneħħija ta' *un/loading bay* fi Triq Tarxien ħdejn Villa Aspinal.

2.28.1.1 Il-Kunsill hu tal-fehma li din ilha hemm snin twal u qatt ma kien hemm oġġezzjoni għaliha. Ser niċċekkjaw għall-approvazzjoni tal-ADT.

**2.29** Is-Sindku qal li avviċinah is-Sur J. Dougall bi proposta li jisr Ġemellaġġ ma' Canals Town Council, Valencia Spanja. Ġemellaġġ ma' Valencia

2.29.1 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel fil-prinċipju li jsir dan il-Ġemellaġġ. Madanakollu jrid isir il-proċess mitlub f'dan ir-rigward li jrid ikollu l-approvazzjoni tal-AKL, id-DGL u l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

**2.30** Wara l-attivita' li kien mistieden għaliha s-Sindku mill-Patrijiet Agostinjani, kiteb lis-Sindku tal-Komunita' ta' Tolentinu għal possibilta' li jsir ftehim ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet. S'issa għad m'għandu ebda tweġiba. Kunvent ta' Tolentino

**2.31** Is-Sindku qal li qed isiru diversi kollużjonijiet tat-traffiku bejn Triq il-Knisja u Triq iż-Żejtun. Każ partikulari ġara riċentement fejn kienu involuti diversi vetturi. Traffic Management Ġdid

2.31.1 B'konsegwenza ta' dan jinħtieġ li jsir *traffic management* ġdid biex jiġu evitati dawn il-ħabtiet.

2.32.2 Qal li pprepara proposta, li ta spjegazzjoni tagħha, u jekk il-Kunsill jaqbel, tintbgħat lit-TM għall-approvazzjoni.

2.33.3 Il-Kunsill qabel nem-con mal-proposta spjegata tas-Sindku. Din ser tintbgħat lit-TM.

## *3.0 Affarijiet Finanzjarji*

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għal-servizzi u materjal li tammonta għall-€49784.86 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. 1).

3.1.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-Seg. Eżek. wieġeb li saru l-pagamenti approvati fil-laqgħa preċedenti minbarra dawk indikati.

**3.2** Is-Sindku qal li l-Housing Authority bgħatu l-aħħar pagament li dwaru ilha għaddejja korrispondenza minħabba nuqqas ta' qbil għal xogħlijiet li saru fi Ġnien il-Kunsill 2000. Dan jammonta għal €2445.84. Dan il-każ issa hu magħluq. Ġnien Kunsill Lokali 2000

3.2.1 Ser isir il-ħlas dovut lill-M-Quip li għamlu x-xogħlijiet.

## 4.0 Approvazzjoni tal-Allowance lill-Kunsillieri (Lulju – Diċ 2010)

4.1 Is-Seg. Eżek. ippreżenta l-iskeda ta' ħlas tal-onorarja tal-Kunsillieri skont l-attendenza tagħhom għal-laqgħat matul dawn l-aħħar sitt xhur.

4.2 Is-Sindku qara fid-dettal din l-iskeda li ġiet approvata nem-con mill-Kunsill sabiex isir il-ħlas dovut rispettivament. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku. (App. 2).

## 5.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus lill :

5.1 i) M.L. Mallia (Seg. Eżek. Frar-Diċ 2010)

Il-Kunsill approva unanimament li s-Seg. Eżek. jingħata Perf. Bonus ta' 10% tas-salarju eżistenti tiegħu pro-rata minn Frar sa Diċembru 2010. Is-Seg. Eżek. irringrazzja lill-Kunsill.

5.2 ii) A. Galea (Uffiċjal Eżek. Frar – Diċ 2010)
iii) J. Grech (Uffiċjal Eżek. Frar – Diċ 2010)
iv) C. Mallia (Skrivana p/t April- Diċ 2010)

5.2.1 Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni li għadda minnha l-istess Kunsill matul din is-sena u nnota d-diversi każi li nqalgħu fl-operat tiegħu minħabba xi problemi mill-iskrivani tal-Kunsill. Ġew irrimarkati wkoll l-ilmenti mill-pubbliku fir-rigward ta' meta jitolbu xi servizzi u ma jinqdewx kif mistenni. Minħabba f'hekk qed jidher ikrah il-Kunsill.

5.2.2 Ġie nnutat ukoll li Jos. Grech qed tonqos f'diversi okkażjonijiet minn dmirha u x-xogħol tagħha mhux qed ikun tal-livell mitlub minnha.

5.2.3 Finalment il-Kunsill qabel unanimament li din is-sena kien hemm xi problemi li x-xogħol ma kienx miexi sew. Il-Kunsill jittama li dan jiġi rimedjat għall-ġid tal-istess impjegati, tal-Kunsill Lokali, u tal-komunita' lokali.

5.2.4 Il-Kunsill approva nem-con li l-Impjegati A. Galea u C. Mallia jingħataw 5% pro-rata tas-salarju eżistenti tagħhom filwaqt li l-impjegata J. Grech tingħata 4% prorata tas-salarju eżistenti tagħha.

5.2.5 Il-Kunsill ordna wkoll li r-rimarki kollha nnutati jiġu mniżżla fil-Performance Appraisal rispettivament ta' kull impjegata.

## 6.0 Tiġdid tal-Kuntratt "Tisbiħ ta' Sqaqien u Spazji Miftuħa" li jiskadi fit-28/2/11 (TLC219/2010/T101)

6.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt fuq imsemmi jiġi mġedded mill-01/03/2011 sat- 28/2/2012 għat tieni sena konsekuttiva.

## 7.0 *Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

**7.1.0 Rapport mill-Viċi Sindku Frans Agius**

7.1.1 Il-Viċi Sindku F. Agius informa lill-Kunsill li għandu nformazzjoni li d-Dipt. Tal-Artijiet akkwista biċċa art fi Triq Nap. Caruana Dingli minħabba li nstabu xi fdalijiet megalitiċi.

7.1.2 Kompla jgħid li d-Dipt. Tal-Artijiet m'għandux interess fiha biex jiżviluppaha imma s-Sovratendenza trid li jkollha aċċess għaliha biss u tista' tagħti permess għall-kustodja tal-art lill-Kunsill Lokali.

7.1.3 Għal dan il-għan il-Kunsill qabel nem-con li nitolbu din l-art bħala devoluzzjoni għal bini ta' Ċentru Komunitarju u Librerija Pubblika għal fatt li dik preżenti ġiet żgħira.

7.1.4 Il-viċi Sindku ppreżenta ritratti u site plan tal-art.

**7.2 Rapport mill-Kunsilliera Claudienne Lanzon**

7.2.1 Il-Kunsilliera C. Lanzon qalet li m'għandiex x'tirraporta u ser terġa' tkompli taħdem wara l-festi.

**7.3 Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin**

7.3.1 Is-Sur K. Darmanin qal li għamel il-laqgħa tan-Neighbourhood Watch għal zona 11 u nħatar il-kordinatur.

7.3.2 Dwar il-Premju Żgħażagħ tas-Sena, qal li dan il-lokal ikkwalifika għall-finali imma ma rebaħx.

**7.4 Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

7.4.1 Is-Sinj. D. Vella tat rendikont tal-ħarġa tas-26/11/10 u tal-ħarġa tal-14/10/2010.

7.4.2 Qalet li l-laqgħa lill-President tar-Repubblika ser issir fis-26/1/11 imma għad trid tiġi kkonfermata.

**7.5 Rapport mis-Sindku Kav. P. Farrugia**

7.5.1 Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġiet tiegħu għall-anzjani tat-18/11 u tal-14/12.

7.5.2 Qal ukoll li l-attivita' tal-Premju Anzjan Tarxiniż ser issir kif programmat fit-28 ta' Diċembru fis-sala tal-Agostinjani u tibda b'quddiesa.

## 8.0 *Ħwejjeġ Oħra*

**8.1** Ma kienx hemm rapporti.

## *9.0 Għeluq tal-Laqgħa*

**9.1** Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

**9.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 19/01/2011.

| | |
|---|---|
| *Maurice. L. Mallia*<br>*Seg. Eżek.* | *Kav. Paul Farrugia*<br>*Sindku* |

mn25-06 (19 Jannar 2011)/minuti/ag